MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Numru. 461/2005

**Il-Pulizija**
**Sp Johann J Fenech**
**vs**
**Victor Galea**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet kontra Victor Galea ta’ 52 sena mwieled fil-5 ta’ Jannar 1953 iben il-mejtin Frans u Ludgarda nee Bonnett mwieled Senglea u residenti 57 Triq id-Duluri, Senglea, ID 70153(M).

Akkuzat talli fil-21 ta’ Jannar 2005 għall-ħabta tas-5.40pm f’Xatt is-Sajjieda Marsaxlokk, b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament tajjar lil Martha Vella minn Marsaxlokk u konsegwentement kkaġunalha ferita ta’ natura gravi skond kif ċċertifikat Dr. Sharon Tanti mill-isptar San Luqa.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li tissospendi jew tirrevoka l-licenzja tas-sewqan ta’ l-imputat għal perjodu ta’ żmien li jidrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluz iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imputat numru 701 tas-sena 1953, il-fedina penali ta’ l-imputat a fol 3, il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il- jkunu sommarji, il-kunsens ta’ l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji a fol 9 u r-risposta tiegħu li mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, l-istqarrija li għamel l-imputat fit-8 ta’ April 2005 fl-uffiċċju ta’ l-Ispettur Johann J Fenech, id-dokument JF3, il-case summary kif ffirmat mit-tabib li jgib in-numru fir-registru mediku, 9819, id-dokument JA a fol 23 li huwa dwar l-okkorrenza, l-isketch a fol 27 u ċ-ċertifikat a fol 45 kif ffirmat mit-tabib Dr. Sharon Tanti, 2834 fuq ir-Registru dwar minn xiex kienet sofriet il-vittma nhar il-21 ta’ Jannar 2005.

**Il-Fatti**

Ikkunsidrat illi mix-xhieda ta’ l-ispettur Johann J Fenech jirrizulta illi fil-21 ta’ Jannar 2005 kien cempillu PS 577 Abdilla li għall-ħabta tas-5.45pm kienet ttajret certu Martha Vella f’Xatt is-Sajjied Marsaxlokk. Din kienet sofriet ġriehi gravi skond kif ċċertifikat Dr. Sharon Zammit nee Tanti li tagħha kienet prezentat affidavit biċ-ċertifikat u gie mmarkat bħala Dok JF1. Sussegwentement huwa kien sejjah lill-imputat Victor Galea l-għassa fejn ħadlu statement u gie esebit bħala Dok JF2.

**Stqarrija ta’ l-imputat**

Fit-8 ta’ April 2005, l-imputat kien qal li fil-21 ta’ Jannar 2005 għall-ħabta tas-6.00pm kien qieghed bil-vettura tiegħu ta’ l-ghamla Skoda Forman bin-numru EAU 386 Xatt is-Sajjied Marsaxlokk. Huwa qal li veru li kien laqat lil certu wahda Martha Vella u ddeskriva x’gara b’dan il-mod ‘jiena waqaft, dahhalt ir-reverse biex nidhol bejn żewġ karozzi. Kif bdejt nirriversja bil-mod smajt hoss, waqaft, ftaħt il-bieba u rajt lil din il-mara ma’ l-art.’ Meta kien mistoqsi jekk lil din il-mara kienx raha qabel beda jirriversja, huwa qal ‘le għax laħqet qasmet ghan-naħa l-

ohra.' Meta kien mistoqsi b'liema parti tal-karozza kien laqatha, hu qal li kien laqatha bil-bumper ta' wara fuq in-naħa tal-lemin. Huwa kien pprova jqajjimha imma kien infixel u ħassu ħażin, bdew ġejjin in-nies u sahansitra gabulu siggu u ftit kafe. Wara ftit bagħtuh il-clinic tar-Rahal il-Gdid. Huwa ma kienx jaf xi ġriehi kellha din il-mara. Fil-fatt huwa ried imur jaraha imma t-tabib tal-clinic qallu li ahjar ma jmur xejn. Kien mistoqsi jekk qabel l-incident kienx jaf lil din il-mara, l-imputat qal le, qatt ma rajtha. Meta kien mistoqsi, qabel beda jirriversja, jekk harisx sew minn ġol-mirjiet, l-imputat wieġeb 'Harist hafna.' U l-mistoqsija kienet, allura kif jista jkun li lil din il-mara ma rajthiex. Ir-risposta tiegħu kienet, 'jiena waqaft mal-bankina tan-naħa tax-xatt. Mill-mirjiet jiena żgur li ma rajthiex. Sakemm dawwart rasi lejn in-naħa l-ohra, laħqet għaddiet min naħa tal-lemin u kien hemm li lqattha.'

**Xhieda tal-Prosekuzzjoni**

Xhud iehor tal-prosekuzzjoni kien PS 577 Joseph Abdilla illi qal illi ghas-5.40pm tal-21 ta' Jannar 2005 kien infurmat li f'Xatt is-Sajjieda Marsaxlokk kienu tajru mara. Meta kien mar fuq il-post sab il-karozza kienet ghadha fin-nofs pero' l-mara li weggghet kienet diga fl-ambulanza. Huwa kien kellem lil sid il-karozza u qallu li dan kien miexi f'Xatt is-Sajjied, ra parking vojt fuq in-naħa tal-lemin tiegħu u kif kien ghaddej waqaf u kien qed jirriversja u jħares in-naħa tal-lemin biex jipparkja u ħass daqqa mal-karozza. Meta waqaf u nizel sab mara mal-ġenb tal-bieba ta' wara. Din kienet ttieħdet l-isptar u kienet medikata minn Dr. Sharon Zammit nee Tanti u kellha xi ġrieħi. Kellha fracture left humerus, fracture radial staloid u head injury li kienu grevious per durata. Fil-kontro-eżami, dan ix-xhud qal li kien jaf li Victor Galea kien pparkja fi spazju għal parking skond il-liġi. Bhala spot ta' impact dan qal li qiegħed mal-ġenb tal-karozza u mmarkat fuq l-isketch. Mistoqsi mill-avukat 'allura kif fix-xhieda qed tgħid li l-imputat laqatha b'wara tal-karozza?' Ix-xhud wieġeb, 'Sema' hoss mal-karozza u meta niżel sab mara mal-ġenb tal-karozza fuq in-naħa tal-bieba tiegħu, in-naħa ta' wara.' L-ispot of impact kien stabbilih dan ix-xhud skond kif fehmu l-imputat għax hu fl-art lill-mara ma rahiex għax kienu diga'

gabruha. Għal mistoqsija oħra dwar x'kienet qaltlu Martha Vella, huwa qal li din kienet ghadha kif harget mill-knisja, miexja fuq it-triq tan-naħa tal-lemin u waqt li kienet qed taqsam biex tmur in-naħa tax-xatt, intlaqtet minn ġenb tal-karozza u dawwarha u waqgħet fl-art. Din kienet kkonfermat li laqatha ma' l-pilastru tan-naħa tiegħu. L-allegata vittma ma kinitx qed taqsam minn fuq zebra crossing. L-avukat hawn hekk staqsa 'ara nghidlekx li fil-vicinanzi hemm zebra crossing u jekk kkonstatajtux dan?' ix-xhud qal 'fuq l-isketch ma tidhollix, voldieri qieghed il-bogħod.' (fol 21 tal-proċess).

Mill-okkorrenza rriżulta li s-sewwieq kien bil-karozza EAU 386 f'Xatt is-Sajjieda isuq lejn B'Bugia u meta wasal quddiem ir-restaurant La Cappana, huwa waqqaf il-karozza u beda jirriversja biex ikun jista' jmur fuq ix-xellug tat-triq. F'daqqa wahda huwa sema' hoss fuq il-karozza u waqaf immedjatament. Ħareġ mill-karozza u sab mara ma' l-art fuq in-naħa ta' wara tar-right side door. Fl-okkorrenza tidher ukoll x'qalet Martha Vella illi meta kellmuha l-pulizija hi kienet qed taqsam min naħa ta' fejn hemm il-bini għan-naħa tax-Xatt u kienet waqt li qed taqsam li ntlaqtet mill-karozza.

**Ix-xhieda tal-vittma**

Fix-xhieda tagħha Martha Vella l-vittma qalet li kienet qed taqsam it-triq wara li harget mill-knisja ta' Marsaxlokk. Meta waslet quddiem il-hanut ir-Rizzu, naqra lil hemm iktar, marret biex taqsam it-triq li jisimha Xatt is-Sajjied u imbagħad hasset daqqa fuq ix-xellug tagħha. Il-Qorti hawn staqsietha, 'Inti ħarist lura u x'ġara?' Hi rrispondiet, qalet 'Iva u staqsejtu hekk tagħmel?' u waqgħet ma' l-art u ma kinitx taf iktar. Hija kienet staqsiet dan il-kliem lill-imputat li kienet qed tagħrfu fl-awla. Ix-xhud qalet li kellha idejha miksura. Il-punt fejn kienet qed taqsam eżatt kien bejn ir-Rizzu u l-Capanna. Dwar iż-zebra crossing hija qalet li din qegħda lil hemm iżjed lejn il-knisja. Mistoqsija mill-Qorti jekk l-imputat kienx għaddej bi speed qawwi, qalet li ma kinitx taf. Skond din ix-xhud, għaliha kien laqatha bil-parti ta' quddiem għax hi kienet fejn il-bieba tiegħu. Il-griehi kienu qed jgħaddulha bil-mod pero' damet

b'idejha 7 gimghat tugaghha u meta l-Qorti staqsietha kif kienet, hija qalet li idha kienet ghadha ma tistax tgħollieha. Dan kien fid-19 ta' Ottubru 2005. Rasha kienet tuġagħha wkoll għalkemm issa kienet rħitilha, (fol 33 l-ahhar vers). Daqqiet fuq wiccha ma kellha xejn. Hija qalet li minn fejn qasmet hi ma kienx hemm zebra crossing. Mistoqsija għala ma kintix uzat iz-zebra crossing mill-avukat difensur, hija qalet (a fol 35), din kienet qegħda 'l bogħod. Hija harget minn fejn il-knisja u bdejt miexja u minħabba l-umbrelel u l-imwejjed ddecidiet li timxi man-naħa tal-baħar. Hi baqgħet tinsisti li ż-zebra crossing imsemmija mid-difiża kienet 'l bogħod minn fejn qasmet. Hija qalet li l-vettura misjuqa mill-imputat ma kinitx ratha qabel ma qasmet. Mistoqsija jekk kinitx ħarset quddiemha, hija qalet iva. Mistoqsija jekk kinitx taf illi l-imputat kien qed jipprova jidħol ġo parking space, hija qalet li ma kinitx taf. Baqgħet tinsisti li l-karozza ma kinitx ratha gejja. Mistoqsija fl-ahhar 'Inti rajtu jirriverjsa għall-inqas?' Hija qalet 'jiena waqajt ma' l-art mad-daqqa.'

**Xhieda ta' Dr. Sharon Zammit nee Tanti**

Mix-xhieda ta' Dr. Sharon Zammit nee Tanti irrizulta li kienet eżaminat lill-vittma fil-21 ta' Jannar 2005. Hi kienet sabitilha ksur fl-ispalla x-xellugija u kellha daqqa fir-ras u possibilta ta' ksur fil-polz. Qed tghid possibilta għax kien ghadu kmieni biex tgħid, trid tiehu xray wara 10 ijiem biex tkun ċerta. In-natura tal-ġriehi kienu serji minħabba li kien hemm ksur fl-ispalla. Il-ġrieħi li kellha Martha fuqha, llum suppost li fiequ. Hija qalet li kienet per durata minhabba l-ksur sakemm ifieq. Lill-vittma kienet ratha fl-emergenza. Kienu ohrajn li segwew l-andament tagħha. Fi żmien xahar xorta kien ikollha bzonn tal-physiotherapy.

**Xhieda difiża**

Xehed l-imputat u qal li kien sejjer għax-xoghol Marsaxlokk u qal li kien dieħel bir-reverse biex jipparkja bejn żewġ karozzi fi Triq is-Sajjied Marsaxlokk fejn jarma l-monti. Huwa waqaf biex jipparkja bejn żewġ karozzi. Kien diehel bil-mod lura u kif ħares fuq il-lemin jisma' hoss u waqqaf u fetah il-bieba biex jittawwal u jsib lil din il-mara ma' l-art. Huwa sab lil din il-mara in-naħa tal-lemin tal-

karozza. Huwa qal li qabel ma beda r-reverse huwa kien ħares 'l quddiem u lura mill-mirja. L-avukat staqsieh, dak il-ħin x'rajt? U x-xhud qal xejn. Mistoqsi, 'meta qed tghid li din il-mara sibtha fuq in-naħa tal-lemin, fejn kien, quddiem? Wara?' L-imputat qal li sabha fuq in-naħa ta' wara. Sinjali tat-traffiku ma' l-art ma hemm xejn. Dwar iż-zebra crossing qal li din qegħda lura hafna, fol 49, għaliex qegħda ħdejn il-knisja. Huwa kien mar biex jerfa' lil din il-persuna imma kienet mgħottija u ma sar ebda diskors bejniethom. Il-hoss li sema' kien fuq in-naħa tax-xufier. Huwa qal li waqt li kien qed jipparkja ma ra lil ħadd. Hawnhekk il-prosekuzzjoni staqsiet, jekk din Martha Vella kienet fuq l-istess naħa tieghek, kif jista jkun ma rajt lil ħadd? Ix-xhud wieġeb 'għax jiena kont ser nipparkja fuq in-naħa tax-xellug. Kont dieħel fuq in-naħa tax-xellug jiena u allura ħarist lura hekk. Ma nistax indawwar iżjed.' Il-prosekuzzjoni hawn staqsiet 'jiġifieri Martha Vella ma kinitx miexja fuq l-istess triq li kont ser tipparkja int?' U x-xhud wieġeb 'ma nafx jiena, fuq wara hux. Jiena kont ser nipparkja fuq in-naħa tax-xellug.' Meta Martha Vella waqgħet kienet mhux in-naħa tal-bankina imma kienet fuq in-naħa ta' barra, fin-nofs tat-triq. Huwa kien ttawwal biex jara x'kellha din il-mara. Imbagħad lilu qabdu ħass ħażin u bdew ġejjin in-nies.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-inċident seħħ waqt li l-imputat kien qed jirriversja sabiex ikun jista' jipparkja fil-post vojt li kien hemm bejn żewġ karozzi. Jidher li l-vittma ntlaqtet fuq in-naħa tas-sewwieq tal-karozza. Fil-fatt il-post ta' l-impact indikat huwa:

(a) bil-bumper ta' wara fuq in-naħa tal-lemin (stqarrija ta' l-imputat);
(b)mal-ġenb tal-karozza kif immarkat fuq l-iskeċċ (fol.20 xhieda PS 577 Joseph Abdilla);
(ċ) fuq il-lemin tax-xufier skond kif deskritta mill-imputat stess waqt ix-xhieda tiegħu (fol.47);
(d) Bil-parti ta' quddiem għax il-vittma waqgħet fejn il-bieba. (fol.33)

‘Kont dieħel lura bil-mod. Kif ħarist fuq il-lemin nisma’ ħoss. Waqaft u ftaħt il-bieba biex nittawwal u nsib lil din il-mara ma’ l-art’

u a fol.48 ‘Fuq wara’.

In-Natura tal-Ġrieħi

In-natura tal-ġrieħi hija waħda gravi minħabba li l-ġrieħi sofferti kienu (a) a fracture left humerus; (b) a fracture radial styloid (li tiġi fil-forearm); u (ċ) a head injury (fol.45). Huma deskritti bħala ‘grievious’ per durata fiċ-ċertifikat rilaxxjat mill-Casualty Department ta’ l-Isptar San Luqa.

Għall-finijiet tal-Liġi, dawn il-ġrieħi huma gravi ai termini ta’ l-artikolu 216 (1)(b) u (d).

**Ness bejn il-ġrieħi u l-imputat**

Mhux kontestat li l-ġrieħi seħħew meta l-imputat kien qed isuq il-vettura tiegħu tal-marka Skoda bin-numru tar-reġistrazzjoni EAU – 386 u li saru involontarjament.

Għalhekk li jonqos li jkun eżaminat hu jekk dawn seħħewx ‘b’nuqqas ta’ħsieb, bi traskuraġni, b’nuqqas tta’ ħila fl-arti jeew professjoni ta’ l-imputat, jew b’nuqqas tat-tħaris tar-regolamenti tat-traffiku.

**Sottomissjonijiet bil-miktub tad-difiża dwar il-culpa**

Id-difiża fil-verbal tal-15 ta’ Settembru 2006 rreferiet għal tliet każi dwar in-nozzjoni ta’ culpa fil-kamp penali: ‘Il-Pulizija versus John Vella (15.02.1958); Il-Pulizija versus Jason Friggieri (11 ta’ Lulju 1995); u ‘Il-Pulizija versus Saverina sive Rini Borg’ datata 31 ta’ Lulju 1998. Fin-Nota tagħha żiedet żewġ każi oħra ‘Il-Pulziija versus Alfred Caruana’ (Appell Kriminali ta’ l-14 ta’ Mejju 1955 (Vol.XXXIX.IV 1031) u ‘Il-Pulizija versus Joseph Formosa’ (Appell Kriminali 4 t’April 1959 Vol.XLIII.IV.1027).

Mill-ġurisprudenza li kienet ippreżentata l-Qorti qed tislet dan il-bran mis-sentenza:’ Il-Pulizija (Supdt John Mifsud)

versus Saverina sive Rini Borg et'. A fol.14 insibu dan il-kliem:

'Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuża, derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza tal-Liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli;

In-Negliġenza tiġi mid-diżattenzjoni u disakkortezza ta' la-ġent fil-kondotta tiegħu;

L-imperizja hija forma speċifika tal-kupla professjonali, cioe', kif jgħid il-Manzini, 'inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto.

Il-culpa tista' tkun dovuta wkoll għal non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijeit u simili bħalama huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determianta u speċifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi, cioe' dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni.'

Ma' din is-silta l-Qorti qed iżżid dak li kien stabbilit fis-sentenza ta' l-4 ta' Frar 1961 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Perit Louis Portelli' sedenti l-Imħallef Joseph Flores' fejn kien intqal hekk:

'Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-eat involuntarju skond l-artikolu 239 (illum 225 u miegħu jintrabat l-artikolu 226 ) tal-Kodiċi Penali illi tirikori kondotta volontarja negliġenti – konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), traskuraġni (negliġenza), jew ta' ħila (imperizia) fl-ari jew professjoni, jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta'tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta; kawżalita' minn event dannuż involuntarju. Għandu jiġi premess illi għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza ruamna identifikat mal-bonus paterfamilias; dik il-kondotta

cioe', illi fil-każ konkret kienet tiġi wżata minn persuna t'a intelliġenza, diliġenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqat li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret.' (Kollezzjoni Deċiżjonijiet Vol.XLV.IV.870, 903).'

Sewqan b'lura

Fil-każ odjern li jrid ikun stabbilit hu jekk l-imputat ħax dawk il-prekawzjonijiet li jitlob ir-regolament 67 tal-Motor Vehicle Regulations li jiddisponi hekk:

'No person shall cause the motor vehicle to travel backwards for a greater distance or time than is absolutely necessary and shall take such precautions as are required to avoid collisions and accidents with persons or other vehicles on the road.'

Kif jidher minn dan ir-regolament, is-sewqan b'lura, minħabba d-diffikultajiet partikolari li jirrappreżenta għandu jkun ristrett kemm jsita' jkun, u, meta jsir, irid ikun akkumpnajat mill-prekawzjonijiet kollha indikati.

Effettivament il-Highway Code Malti jagħti dan il-parir:

'Before you reverse, make sure that there are no children or other persons or any obstruction in the blind area behind you.' (para. 71)

'If your view to the rear is restricted, get help when reversing.' (para 73).

Fl-Appell Kriminali 'Il-Pulizija versus J.Aquilina' tat-12 ta' Marzu 1961 saret referenza għas-sentenza tal-Corte di Cassazione ta' l-Italja fejn kien ritenut hekk:

'La retromarcia di un autoveicolo constituisce uno spostamento anormale e difficile e va quindi eseguito con pafrticolare prudenza. Se il conducente, per la sagoma dell'autoveicolo o per altra causa, non e' in grado di vedere tuta la via a tergo, la prudenza impone di servirsi

di altra persona che, da terra, controlli la manovra. (22 ta' Diċembru 1955).

Jekk ix-xufier li jkun qed isuq 'il quddiem irid iżomm a 'proper look out' hekk ukoll, jekk mhux b'mod aktar assidwu, japplika għal xufier li jkun miexi b'lura.

**Valutazzjoni ta' l-aġir ta' l-imputat**

L-imputat xehed li kien qed isuq bil-mod u li ħares fil-mera. Il-Qorti għandha dubju dwar l-aħħar parti ta' din is-sentenza. Huma sinifikanti żewġ affarijiet:

(a) li l-vittma ntlaqtet fuq in-naħa tal-lemin tal-karozza (saħansitra fl-iskeċċ huwa indikat kważi n-nofs tal-karozza waqt li vittma qalet li waqgħet ħdejn il-bieba tax-xufier);

(b) ir-reazzjoni tal-vittma 'Ehe. Għidtlu hekk tagħmel?'

Meta l-Qorti wiżnet dawn iż-żewġ elementi waslet għall-konklużjoni li l-imputat ma kienx qed jirriversja b'dik id-diliġenza li jesiġi r-regolament 67 tal-Motor Vehicle Regulations. Il-Qorti assolutament mhux konvinta li huwa reġa' ħares fil-mera sew wara li kien sab post fejn jipparkja għax kieku żgur kien jara lill-vittma mill-mera tal-karozza li kellu. Hu ħasad għal kollox lill-vittma li kienet qed taqsam u, ukoll jekk rat il-karrozza ta' l-imputat, ma setgħetx tissoponi li f'daqqa waħda l-imputat kien ser isuq lura biex jipparkja ġaladarba l-imputat kien diġa' għadda minn fuq dik il-parti li kienet ser tirfes l-imputata fi triqitha għall-bankina. Ma jidhirx li l-imputat żamm a proper look out għal dak li kien qed jiġri madwaru, dmir importantissmu kif jidher minn din is-silta fil-ktieb 'Gibbs' 'Trial of Motor Car Accident Cases' sezzjoni 54 fejn jingħad:

'The duty to look implies the duty to see what is in plain view…..Keeping a proper look out means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road from side to side.' (Mewhaus versus Bastian Insurance Limited).

U madwar l-imputat ma jfissirx biss is-slot fejn wieħed ser jipparkja iżda wkoll il-karreġġjata tat-triq għaliex sakemm is-sewwieq ikun leħaq sab fejn jista' jħalli l-karozza, is-sitwazzjoni fit-triq tista' tkun inbidlet. Għalhekk trid terġa' tħares lejn in-naħa tat-triq u mhux titfa' l-attenzjoni kollha fuq kif ser tidħol fl-ispazju tal-parkeġġ.

**L-aġir tal-vittma**

Matul il-proċeduri saru diversi mistoqsijiet lill-vittma għala ma użatx iż-zebra crossing li kien hemm qrib il-knsija. Il-vittma rrispondiet li hi kienet qabdet timxi mal-ħajt in-naħa tal-ħwienet u kienet imxiet biċċa sew (issemmew ir-restorant tar-Rizzo u oħrajn) meta, minħabba l-imwejjed, il-vittma iddeċidiet li timxi mal-baħar.

Mix-xhieda jirriżulta li ż-żebra crossing tinsab 'il bogħod minn fejn qasmet il-vittma u mhux raġonevoli li wieħed jistenna li din il-mara anzjana terġa' timxi biċċa sew lura meta hi qasmet bil-prudenza kollha u kklalkulat tajjeb setgħetx taqsam jew le. Filfatt hi kienet kważi waslet in-naħa l-oħra tat-triq u, jekk il-karozza kienet għaddiet 'il quddiem, il-vittma ma kinitx tistenna li f'daqqa waħda din ser terġa' ssib il-karozza ta' l-imputat fuqha. Iz-zebra crossing għandhom jintużaw iżda meta dawn ikunu 'l bogħod il-pedestrian għandu xorta waħda d-dritt li jaqsam imqar jekk għandu l-obbligu li jħares sew. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża 'Bongailas versus Mercieca' (20 ta' Jannar 1967) :

'Fejn m'hemmx regolat b'xi mod partikolari l-passaġġ tal-pedestrian, pedestrian li juża t-triq karrozzabbli anqas għandu jitqies x'intruż; u filwaqt li l-pedestrian għandu ċertament juża l-kura meħtieġa biex ma joħloqx għall-utenti oħra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew emerġenza, min-naħa l-oħra d-drivers ta' karozzi li huma magna ta' potenza li joqtlu jew ikorru, għandhom l-obbligu gravi li jieħdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunux ta' perikolu jew dannu għall-pedestrians li għandhom ukoll id-dritt li jużaw it-toroq.'

Il-naħa tal-karozza fejn intlaqtet il-vittma kif ukoll ir-reazzjoni tagħha 'Hekk tagħmel?' (evidenza ċara li saret manuvra ta' sewqan lura totalment inaspettata) juru li l-vittma ma kkontribwiet xejn għal dan l-inċident stradali. Altrimenti wieħed ikollu jasal għall-konklużjoni li l-vittma baqgħet dieħla fil-bumper/fil-bieba tax-xufier. Jekk titwemmen il-verżjoni li ta l-imputat stess fl-istqarrija li huwa kien laqat lill-vittma bil-bumper tal-lemin ta' fuq in-naħa ta' wara, allura wieħed ikompli jikkonferma kemm il-vittma ma taħti xejn għal dan l-inċident għaliex ukoll jekk ipotetikament kienet rat il-karozza għaddejja hija kieent għamlet il-kalkoli li tista' tibqa' miexja ġaladarba l-imputat kien leħaq wasal parallel mal-karozzi l-oħra pparkjatai.

Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat unikament responsabbli ta' l-inċident u konsegwentement ħati ta' l-ewwel imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih. Dwar il-piena, l-Qorti qed tikkonsidra mhux biss li l-imputat fil-ħin ta' l-inċident ħareġ mill-ewwel biex jagħti l-għajnuna iżda wkoll li bil-fixla u l-qatgħa qabdu ħass ħażin kif ukoll li dan ma jistax jitqies bħala sewqan ta' veloċita' abusive. Hemm differenza bejn in-negliġenza ta' l-imputat u xi overspeeding ta' bniedem irresponsabbli. Għalhekk bħala piena qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta' tliet mija u ħamsin Lira Maltija (Lm350) li tista' titħallas b'rati ta' ħamsin lira (Lm50) fix-xahar. L-ewwel pagament għandu jsir mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' xi ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ għandu jitħallas kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, allura din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull ħames liri Maltin mhux imħallsin.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex tkun sospiża l-liċenzja tas-sewqan ta' l-imputat. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandu jkun hemm tali sospensjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------